GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tad-disa'u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 12 ta' Marzu 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Fenech Pio |
| | Alfred Muscat |
| | Michael Mifsud |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 48**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li ghadna qed nistennew risposta minghand il-MEPA.

**3.2** ***Para 3.2 – Hajt tas-Sejjieh fi Triq Ghaxqet l-Ghajn:*** Il-Kunsillier Muscat informa li l-konkos kien inghata kif ippjanat. L-Agent S.E. informa li aktar kmieni din il-gimgha kellu laqgha mas-Sur Galea mill-PARKS fejn infurmah li d-Dipt. kellu bzonn lis-Sur Joseph Zarb sabiex jahdem fuq lant iehor. Gie unanimament deciz li notolbu lis-Sur Galea sabiex ihalli lis-Sur Zarb jispicca l-hajt li kien qed jahdem fuqu bhalissa qabel jittiehed mir-rahal. Gie unanimament deciz sabiex meta jitlesta x-xoghol jitqabbad kuntrattur sabiex inehhi l-materjal li jkun fadal u jnaddaf il-post.

**3.3** ***Para 3.3 – Bankina Triq 31 ta' Marzu:*** Is-Sindku nforma li din kienet saret.

***Il-Kunsillier Mifsud wasal ghal laqgha fis-6:25 pm minhabba mpenji ta' xoghol.***

**3.4** ***Para 3.4 – Torri tas-Semaforu:*** Is-Sindku qal li l-Kunsillier Muscat aktar kmieni llum kellu laqgha ma' ufficcjali mid-Dipt. tar-Restawr fejn kien intwera *sample* tal-pavimentar li ser jitqieghed. Dan hu attrajenti hafna. Huwa qal li s-Sur Anthony Borg kien lesta x-xoghol tieghu filwaqt li fil-granet li gejjin ser jehlu l-*electrical fittings* u jsir il-*waterproofing*. Bhalissa qed jingabru l-istimi sabiex isir ix-xoghol tad-drenagg u tithaffer il-fossa. Inghataw dettalji ta'l-ordnijiet li saru sabiex jinhadem il-bank tal-kcina u jinxtraw il-bibien. Dan kollu gie unanimament approvat.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**3.5** ***Para 3.5 – Librerija:*** Is-Sindku nforma li l-inawgurazzjoni tal-Librerija kienet sar u kollox mexa kif ippjanat. Diversi genituri kienu attendew u waqt ic-cerimonja s-Sindku kien ipprezenta ghotja ta' € 500 sabiex jinxtraw aktar kotba ghall-librerija.

**3.6** ***Para 3.6 – Ktejjeb Din l-Art Helwa:*** Is-Sindku nforma li Din l-Art Helwa kienu qablu mas-suggerimenti mressqa mill-Kunsill fl-ahhar laqgha u dawn ser ikunu mplimentati. Huwa kkonferma wkoll li s-Sur Emmanuel Bezzina kien qabel li jkun wiehed miz-zewg *sponsors* ewlenin. Dan gie unanimament approvat u l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Bezzina.

**3.7** ***Para 3.7 – Lokalitajiet Sostenibbli:*** Is-Sindku kkonferma li kienu tqassmu l-*posters* fil-hwienet u n-*noticeboards*. Fil-gimghat li gejjin ser jitqassmu l-avvizi fir-residenzi dwar il-laqgha li ser tigi organizzata ghar-residenti kollha kif ukoll ser jitwahhlu aktar *posters* madwar ir-rahal. Dan kollu skond l-istrategija tal-Gvern. Dan gie unanimament approvat.

**3.8** ***Para 3.8 – Bus Stop/Bus Bay 560:*** Is-Sindku kkonferma li din ir-rotta bdiet tahdem mir-rahal u diversi residenti kienu irringrazzjaw lill-Kunsill ghal din l-inizjattiva. Xi sidien tal-karozzi tal-linja kienu ilmentaw li kemm il-darba qed isibu karozzi ipparkjati fil-*Bus Terminus*. Gie deciz li ninfurmaw lill-Pulizija u lill-Gwardjani Lokali dwar dan.

**3.9** ***Para 3.9 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew risposta mill-WSC sabiex insiru nafu jekk hemmx xoghlijiet ippjanati jew le. Gie deciz li nkomplu nsegwu mill-qrib din ir-risposta sabiex jinbeda kemm jista jkun malajr il-kisi bit-tarmak.

**3.10** ***Para 3.10 – Klieb Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku nforma li ghalkemm kienu ngabru xi klieb, jidher li ghad fadal peress li baqghu dehlin l-ilmenti u ghalhekk gie deciz li nkomplu nsegwu mill-qrib mal-Vet. Services Dept.

**3.11** ***Para 3.11 – Tabelli Merhba Gharghur:*** Is-Sindku nforma li dawn it-tabelli kienu wehlu.

**3.12** ***Para 7.3 – Laqgha mas-Supretendent Zammit*** – Il-Kunsillier Muscat informa li kien ser jikkuntattja lis-Supretendent Zammit sabiex din il-laqgha ssir fil-gejjieni qarib.

**3.13** ***Para 9.2 – Ktieb "Aghraf lir-Rahal Tieghek"*** – L-Agent S.E. informa li kienu gew ordnati 80 kopja ta' dan il-ktieb u dawn ghandhom jaslu fil-granet li gejjin.

**3.14** ***Para 9.3. – Agent Segretarju Ezekuttiv*** – Is-Sindku nforma li l-hatra ts-Sur Fabian Mizzi bhala Agent S.E. tal-Kunsill kienet giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti. Minbarra dawn il-kontijiet gie unanimament approvat ukoll li l-kont minghand il-Perit Janice Zahra ghandu jithallas malli jkollna f'idejna dak kollu li

kien sar ftehim dwaru inkluz il-*bills of quantities*. Gie unanimament approvat ukoll li l-hlas lill-*electrician* isir malli l-*electrical fittings* tat-Torri tas-Semaforu jew jingiebu l-Kunsill jew l-Agent S.E. jikkonferma li dawn verament twahhlu fil-post. Rigward il-pagament lill-Din l-Art Helwa dan ghandu jinhareg wara li nircievu l-kotba.

**4.2** L-Agent S.E. ipprezanta l-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul ix-xahar ta' Frar 2009 u din giet approvata unanimament.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talba minn resident sabiex titnehha tabella *No Parking* fid-dahla ta' Triq il-Mithna. Gie unanimament deciz li din it-talba ma tintlaqax peress li f'din it-triq ma ghandux isir ipparkjar ta'vetturi halli ma jinghalaqx l-access.

**5.2** Talba verbali minn residenta sabiex titwahhal tabella ohra tal-klieb fil-bidu ta' Sqaq Warda. Din it-talba ma gietx milqugha peress li fil-fehma tal-Kunsill it-tabella ezistenti hija bizzejjed.

**5.3** Talba minn residenta sabiex parti mit-Triq Santa Katerina jinbidlilha isimha. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma dan is-suggeriment peress li l-process sabiex jinbidel isem ta'triq hu wiehed ikkumplikat u jinvolvi ukoll il-bdil ta'l-I.D.Cards tar-residenti. Il-maggoranza tar-residenti qatt ma talbu li jsir xi tibdil.

L-istess residenta talbet ukoll li ssir *barrier* tal-hadid li jaghlaq l-access ghall-pjazzetta ta' Lanciritika peress li fi tmiem il-gimgha allegatament qed isiru xi abbuzi minn min imur hemm bil-vetturi tieghu. Gie nnotat li fil-passat il-Kunsill kien diga ipprova jaghlaq l-access ghall-vetturi f'dan il-post pero kien hemm oggezzjonijiet kbar min naha tar-residenti u fic-cirkosranzi gie deciz li ninfurmaw lil pulizija sabiex izidu r-ronda fl-inhawi.

**5.4** Talba minn residenta sabiex isir *patching* fi Triq Dun Karm Vella. Wara li gie nnotat li din it-triq hija responsabbilta' tal-Gvern Centrali, gie unanimament deciz li jsir *patching* permezz tal-konkos u nkomplu nsegwu ma l-ADT sabiex din it-triq tinbena kemm jista jkun malajr.

**5.5** Talba minn residenta sabiex timmodifika l-bankina quddiem il-garaxx taghha fi Triq Caravaggio sabiex tkun tista d-ddahhal il-vettura minghajr problemi. Il-Kunsill unanimament qabel ma din it-talba kif ukoll li x-xoghol isir mill-istess residenta u jekk issir talba jinghata rimbors ta'l-ispejjez wara li tigi ipprezentata rcevuta fiskali.

**5.6** Talba minn residenta sabiex isiru *parkings bays* fil-parti ta' fuq ta' Triq 31 ta' Marzu. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u gie deciz li x-xoghol isir mill-Koptasin.

**5.7** Talba minn residenta sabiex quddiem garaxx propjeta' taghha fi Triq Karmnu Zarb isiru *markings* sofor peress li issa ser tibda tuzah sabiex fih iddahhal il-karozza. Gie nnotat li meta saru l-*markings,* mal-bieb tal-*garage* ma kienx hemm indikazzjoni li dan jintuza sabiex fih jiddahhlu l-vetturi u ghalhekk quddiemu kienu saru *markings* bojod. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li jekk jigi stabbilit li r-residenta ser tibda iddahhal vettura f'dan il-garaxx, il-*markings* ghandhom isiru sofor.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Il-Kunsillier M. Mifsud halla l-laqgha fit-8:00 pm minhabba mpenji ohra.***

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar il-hatra tas-Sur Fabian Mizzi bhala Agent Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 12/2009 mid-Dipt. ghall -Gvern Lokali dwar ko-finanjament ghal progetti tal-Kunsilli Lokali taht programmi ta' l-UE.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall -Gvern Lokali dwar spezzjonijiet li saru dan l-ahhar fit-toroq, bankini u knis fil-lokalita'.

Gie nnotat li l-marki fir-rigward tal-knis ghalkemm ghadhom tajbin specjalment meta imqabbla ma dawk ta'lokalitajiet ohra, kien naqsu mill-ahhar spezzjoni li saret. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jinforma b'dan lid-Dipartiment ta'l-Indafa Pubblika kif ukoll ikellem lill-kenniesa. Gie innotat li l-ispezzjoni saret it-Tnejn fit-8.00 ta'filghodu meta prattikament il-knis ikun ghadu kemm beda. Gie deciz li nitolbu lid-Dipt. tal-Gvern Lokali sabiex jekk jista jkun jinfurmawna l-gurnata ta' qabel meta tkun ser issir l-ispezzjoni peress li l-Kunsill mhux qed jaqbel ma certi osservazzjonijiet imnizzla fir-rapport halli b'hekk xi hadd mill-Kunsill ikun prezenti waqt l-ispezzjoni u jivverifika dak li jigi innotat kif ukoll l-ispezzjoni ma tibdiex daqshekk kmieni halli l-kenniesa jilhqu jaghmlu t-tindif.

**6.5** Korrispondenza minghand l-ASKLM dwar laqgha li ser issir il-gimgha d-diehla bi shab mal-MEUSEC rigward fondi mill-UE.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa li huwa kien ser jattendi ghal din il laqgha.

**6.6** Korrispondenza minghand l-ELC dwar zbir tas-sigar fi Gnien il-Paci.

Gie nnotat li x-xoghol li sar sa issa huwa sodisfacenti u ghalhekk m'ghandux isir aktar xoghol ghalissa.

**6.7** Kopja ta' korrispondenza li l-Kap ta' l-iSkola Primarja bghatet lid-Dipt. ta'l-Edukazzjoni dwar xoghlijiet li fil-fehma taghha hemm bzonn li jsiru fl-iskola.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament approvat li l-Kunsill jaghmel pressjoni halli dawn ix-xoghlijiet jitwettqu.

**6.8** Korrispondenza minghand l-ADT fejn gejna nfurmati li kien gie approvat li jsir metru *double yellow lines* ma' kull naha tal-garaxx ta' residenza privata fi Triq San Gwann.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Gie unanimament approvat li dan ix-xoghol isir skond kif approvat mill-ADT.

**6.9** Talba minn persuna sabiex tinghata ghajnuna ssib post fejn tkun tista tibda tghallem il-Karate fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.10** Korrispondenza minghand it-TCTC dwar kors tal-kompjuter bl-isem eTfal.

Il-Kunsill qabel mal-principju li dan il-kors isir'.

**6.11** Talba mill-Kumitat PN Gharghur sabiex bhala Kumitat jibdew jircievu kopja tal-minuti tal-Kunsill.

Din it-talba giet unanimament accettata.

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Is-Sindku nforma li konna gejna nfurmati li minhabba xoghlijiet fit-Telgha tal-Madliena (tat-Tibru), din il-parti tat-triq ser tkun maghluqa ghat-traffiku sakemm jinhareg avviz iehor. Kienu diga saru avvizi mar-rahal, fuq il-*website*, fuq il-VSB radio u fuq il-gazzetti.

**7.2** Is-Sindku nforma li huwa kien attenda l-laqghat tal-*Leader* u li fl-ahhar laqgha kien gie deciz li l-Kunsill tar-Rabat u Had Dingli jidhlu wkoll f'dan il-grupp. Huwa qal li l-laqgha li jmiss kienet ser issir fis-6 t'April u li bhalissa kien qed isir il-pjan strategiku.

**7.3** Wara diskussjoni gie unanimament deciz li x-xahar id-diehel ghandu johrog fuljett tal-Kunsill b'informazzjoni dwar il-hidma tal-Kunsill. Is-Sindku ghandu jikteb artiklu li jghati spjega qasira ta' x'sar f'dawn l-ahhar xhur u ghandhom jigu inkluzi hafna ritratti.

**7.4** Wara diskussjoni gie unanimament deciz li ssir attivita' li tfakkar il-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali fir-rahal. Din issir bhala parti mill-attivitajiet ta'Jum il-Gharghur. Gie deciz li jsir programm simili ghal dak li kien sar f'gheluq l-10 Snin tal-Kunsilli. Ghandu jinghata rikonoxximent lill-Kunsillieri kollha li servew fuq il-Kunsill Lokali kif ukoll ghal darba ohra jinghata l-premju Unur Excelsior. Aktar dettalji ghandhom jigi iffinalizzati fil-laqghat li gejjin.

**7.5** Il-Kunsillier Fenech informa li huwa kien attenda seminar tad-Dolceta fejn il-qofol huwa li ssir kampanja fost ir-residenti dwar id-drittijiet tal-konsumatur. Huwa qal li ghal dan il-l-Kunsill ghandu jibda jorganizza *seminars* informattivi. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suggeriment. Bil-ghan li jitjiebu l-facilitajiet fis-sala tal-Kommunita' gie dciz li jingiebu stimi ghax-xiri ta' *projector* u *screen.* Sadanittant gie deciz li Transient Ltd jintalab sabiex iqabbad is-sistema tal-*PA System* fis-sala.

**7.6** Gie deciz li l-Kunsill jesplora l-possibilita' li jinghata minghajr hlas basket tac-carruta lil kull residenza u dan bil-ghan li bhala Gvern Lokali inkomplu nedukaw u nghatu l-kontribut taghna favur l-ambjent. Gie unanimament deciz li jingiebu stimi sabiex isiru 1,000 basket li jkun jinkludu l-arma tal-Kunsill Lokali u jekk jinstab *sponsor* isir ukoll avviz ta' pubblicita'.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**7.7** Is-Sindku nforma li kellu laqgha mal-*Managing Director* ta' 6 pm Holdings plc u dan kien qabel li l-kumpanija tieghu tisponsorjaw is-servizz tal-*WiFi* fi Gnien il-Paci. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kumpanija 6 pm Holdings plc.

***Il-laqgha ntemmet fid-9.00 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 24 ta' Marzu 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Fabian Mizzi | |
| Sindku | Agent Segretarju Ezekuttiv | Data |